# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## {UDIKATUR Dr. Grazio Mercieca LL.D.

**Seduta** ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Novembru, 2001

## Avviz numru : 42/01GT (GM)

**Joseph Vella (Ginger) Limited**
**-vs-**
**Angelo Camilleri**

**It-Tribunal ;**
**Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qalet hekk :**

**Illi s-socjeta' attrici tiggestixxi negozju ta' bejgh bl-ingrossa minn mahzen li ghandha fi triq il-Mithna, Victoria, Ghawdex .**

**Illi l-konvenut xtara minghandha kwantita ta' siment .**

**Illi ghadu dovut mill-konvenut s-somma ta' wiehed u disghin lira Maltija u disghin centezmu (Lm91.90c);**

**Illi ghal kemm interpellat diversi drabi l-konvenut qed jirrifjuta li jhallas dan il-bilanc .**

**Illi s-socjeta' attrici qed titlob li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas dan il-bilanc flimkien ma' l-imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u flimkien ukoll ma' l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u ta' l-ittra ufficjali spedita f'Gunju, 2001 .**

**Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici .**
**Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici billi jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM91.90c dovuti minnu bhala bilanc ta' prezz ta' siment mixtri minghand is-socjeta' attrici, bl-imghax mid-data tal-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez tal-prezenti procedura kif ukoll tal-ittra ufficcjali spedita f'Gunju 2001 .**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S4201GtGm (218)